SAN LAWRENZ

Il-Minuti tal-ewwel laqgħa tas-Seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tnejn 11 ta' Mejju, 2015 fil-5.00 ta' fil-għaxija.

**Preżenti:**

***Kunsilliera:*** Noel Formosa
Franco Buhagiar
Anthony Formosa
Carmela Grima

Il-Kunsillier Joseph Michael Cauchi kien skużat.

***Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ:*** Renee Formosa

***Aġent Segretarju Eżekuttiv:*** Josephine Sultana

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u tmexxiet mis-Sinjorina Carmela Grima bħala l-aktar kunsilliera anzjana.

**2.0 Aċċettazzjoni tal-ħatra ta' Sindku:**

2.1 Il-Kunsillier Noel Formosa ġie mistoqsi jekk huwa jaċċettax il-kariga ta' Sindku peress li huwa ġab l-akbar ammont ta' voti mill-partit li kiseb il-maġġoranza fl-aħħar elezzjoni li saret fil-11 t'April 2015. Is-Sur Formosa aċċetta l-kariga u ffirma l-aċċettazzjoni tal-ħatra tiegħu.

2.2 Il-Kunsilliera sħabu ferħulu għal din il-kariga u l-Aġent Segretarja ppreżentatlu l-*badge* u l-insinja kif mgħoddija mis-Sindku preċedenti s-Sur Anthony Cassar.

2.3 Wara s-Sindku, is-Sur Noel Formosa għamel messaġġ qasir fejn ta' merħba lill-Kunsilliera l-ġodda kif ukoll li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv. Huwa qal li l-Kunsill għandu jaħdem fi spirtu ta' għaqda. Qal li qegħdin grupp tajjeb u huwa żgur li dan il-Kunsill ser jagħti lura l-fiduċja li wera l-poplu ta' San Lawrenz lejhom. Huwa ħeġġeġ ukoll li bi spirtu ta' għaqda ssir aktar ħidma lejn il-lokalita' u jekk xi ħadd jara xi nuqqas jieħu gost li jitranġa fi spirtu ta' aħwa.

Punt importanti li qal is-Sur Formosa hu li għalkemm waqt il-laqgħa jkun hemm ideat differenti, wara li tittieħed id-deċiżjoni, id-deċiżjoni għandha tkun waħda u kulħadd jibqa' miexi magħha. F'kull ċirkostanza wkoll dejjem għandu jinstab kompromess.

Is-Sindku sellem ukoll lis-Sinjorina Renee Formosa bħala ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ li huma l-futur tar-raħal ta' San Lawrenz. Huwa qal li f'din il-leġislatura rridu naħdmu id f'id mas-Sinjorina Formosa sabiex il-leħen taż-Żgħażagħ jitwassal aktar fil-Kunsill.

SAN LAWRENZ

Is-Sur Formosa sellem ukoll lis-Sinjura Carmen Micallef, l-Assistant Principal, u stedinha biex flimkien nibqgħu naħdmu għal-lokalita' ta' San Lawrenz.

Is-Sindku għalaq il-messaġġ tiegħu billi emfasizza li f'kull ma nagħmlu ghandna dejjem nimxu mal-Liġi.

## 3.0 Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta' Viċi-Sindku

3.1 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa staqsa lill-Kunsillier Anthony Formosa jekk jaċċettax il-kariga ta' Viċi-Sindku. Is-Sur Anthony Formosa aċċetta din il-kariga u ffirma l-aċċettazzjoni tiegħu.

3.2 Il-Kunsilliera lkoll ferħulu għal din il-kariga. Il-Viċi-Sindku rringrazzjahom u qal li huwa lest li jkompli jaħdem għall-ġid tal-lokalita' ta' San Lawrenz.

Il-laqgħa ntemmet fis-5:45 ta' fil-għaxija u laqgħa oħra ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 15 ta' Mejju, 2015 fil-5.00 ta' fil-għaxija.

***Noel Formosa***
***Sindku***

***Josephine Sultana***
***Aġent Segretarju Eżekuttiv***